**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

**Każ Nru:** K/037

**Allegazzjoni:** Infiq ta' fondi pubbliċi għal riklam ta' xewqat personali

**Ilmentatur:** Il-Professur Arnold Cassola

**Data tal-Ilment:** 5 ta' April 2021

**Data ta' Dan ir-Rapport:** 20 ta' Jannar 2022

**L-Ilment**

1. Permezz ta' email datata 5 ta' April 2021 (annessa u mmarkata Dokument A), il-Prof. Arnold Cassola (l-Ilmentatur) talabni ninvestiga l-Ministru Ian Borg minħabba riklam li deher fil-gazzetta *It-Torċa* l-ġurnata ta' qabel. L-Ilmentatur iddeskriva r-riklam bħala "*reklam ta' xewqat personali fil-gazzetta, imma bl-indirizz tal-Ministeru*."

2. L-Ilmentatur qal ukoll:

> *Biex aktar ngħaxxquha, r-reklam huwa fil-gazzetta "It-Torċa", gazzetta partiġġana li tappoġġa l-Gvern.*
>
> *Jekk dan ir-reklam ta' "Happy Easter" huwa mħallas mill-Ministeru, għaliex aħna t-taxpayers għandna nħallsu għall-propaganda tal-Ministru f'gazzetta partiġġana mit-taxxi tagħna?*
>
> *Jekk, minflok, ir-reklam huwa mħallas mill-flus personali tal-Ministru, għaliex għandu jkun hemm il-logo tal-Ministeru?*

**Il-Kuntest**

3. Ir-riklam in kwistjoni deher fil-ġurnal *It-Torċa* fl-4 ta' April 2021, li kien jaħbat Ħadd il-Għid. Riproduzzjoni tar-riklam hija annessa u mmarkata Dokument B.

4. Ir-riklam fih ritratt tal-Ministru Ian Borg u l-kliem "*Il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali jawgura l-Għid it-Tajjeb lill-poplu Malti u Għawdxi. Ix-xogħol fil-komunitajiet tagħna se jkompli sabiex nibqgħu nagħtu kwalità ta' ħajja aħjar*." Tidher ukoll l-arma nazzjonali ta' Malta bit-titoli "*Gvern ta' Malta*" u "*Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali*" f'tipa żgħira.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

5. Ir-riklam jagħti l-impressjoni li huwa wieħed uffiċjali tal-gvern, iżda ma fih ebda informazzjoni ta' valur għall-pubbliku. Aktar minn nofsu huwa meħud minn ritratt tal-Ministru Ian Borg. Għalhekk mad-daqqa t'għajn ma jidhirx li hemm ġustifikazzjoni għall-infiq ta' fondi pubbliċi fuq dan ir-riklam.

6. Mill-banda l-oħra, jekk ir-riklam tħallas minn fondi privati, l-użu tal-arma uffiċjali ta' Malta flimkien mat-titoli tal-gvern ta' Malta u ministeru tal-gvern jista' jitqies irregolari.

7. Għal dawn ir-raġunijiet iddeċidejt li l-ilment jimmerita investigazzjoni taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). L-artikoli relevanti tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att, huma dawn li ġejjin:

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

*5.4 Oġġettività – fil-qadi tad-doveri pubbliċi, inkluż fil-ħatriet għall-karigi, l-għoti ta' kuntratti, jew fil-kuntest ta' kull għoti ta' benefiċċji.*

*7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.* [...]

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

8. Fit-8 ta' April 2021 jiena ktibt lill-Onor. Dr Ian Borg, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali (ittra annessa u mmarkata Dokument Ċ). Bgħattlu kopja tal-ilment u rriferejtu għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari li huma kkwotati fuq. Tlabt il-Ministru jinformani:

- jekk l-istess riklam deher f'dati oħra u/jew ġurnali oħra; u
- jekk ir-riklam tħallas minn fondi pubbliċi jew privati;
- jekk fil-fehma tiegħu ir-riklam jirrispettax il-kunċett ta' separazzjoni bejn l-irwoli tiegħu bħala ministru u bħala deputat u membru ta' partit politiku.

9. Tlabt il-Ministru Borg ukoll jipprovdili kopja tal-fattura u l-ħlas relattiv jekk ir-riklam tħallas minn fondi privati, u f'tali każ tlabtu jispjega għalfejn ir-riklam sar f'isem il-ministeru tiegħu bl-użu tal-arma uffiċjali ta' Malta.

10. F'każ li r-riklam tħallas minn fondi pubbliċi, tlabt il-Ministru jgħidli:

- fuq liema bażi ġie deċiż f'liema ġurnal jew ġurnali kellu jiġi ppubblikat ir-riklam;
- kemm kienet l-ispiża totali fuq ir-riklam;
- min awtorizza l-pagamenti għal dawn l-ispejjeż;
- jekk jidhirlux li dawn l-ispejjeż kienu ġustifikati fl-interess pubbliku, u f'tali każ fuq liema bażi; u
- jekk jidhirlux li r-riklam jirrispetta l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, ġaladarba skont il-proċedura normali l-ħlas tal-ispejjeż kellhom jiġu approvati minn uffiċjal pubbliku.

11. Il-Ministru Borg weġibni fil-11 ta' April 2021 permezz ta' email (annessa u mmarkata Dokument D). Huwa qal:

*Inserraħ ras l-Uffiċċju tiegħek u iktar u iktar ta' min ressaq l-ilment li dan ir-riklam la sar u anqas tħallas mill-Ministeru jew minn xi fondi pubbliċi.*

*Huwa ċar li d-designer inkluda logo tal-Gvern/Ministeru minflok tal-kandidatura personali tiegħi. Ġbidt l-attenzjoni sabiex dan l-iżball ma jerġax isir.*

12. Erġajt ktibt lill-Ministru Ian Borg fis-27 ta' April 2021 (Dokument E) biex nosserva li r-riklam in kwistjoni jsemmi l-ministeru u mhux il-Ministru. Għedtlu li għalhekk ma jidhirlix li dan kien sempliċiment każ ta' riklam personali fejn bi żball intużat l-arma nazzjonali. Erġajt tlabt il-Ministru jipprovdili l-informazzjoni li kont tlabtu fl-ittra preċedenti tiegħi, u informajtu wkoll li jista' jintalab jikkonferma r-risposti tiegħu bil-ġurament.

13. Il-Ministru Borg wieġeb fid-29 ta' April 2021 permezz ta' email (Dokument F). Huwa qal:

*Nikkonferma li sar riklam wieħed biss, kien qed isir fuq livell ta' uffiċċju Distrettwali tiegħi, u sar fuq it-Torċa biss. Il-kont u kopja tal-irċevuta attached. Il-ħlas sar bi flus kontanti.*

14. Il-Ministru Borg inkluda mal-email tiegħu kopja ta' fattura u irċevuta, li huma riprodotti f'dan ir-rapport bħala d-Dokumenti G u H. Il-fattura u l-irċevuta huma maħruġin fuq l-isem "*Mr Ian Borg*" u l-irċevuta tindika li l-ħlas sar bi flus kontanti kif qal il-Ministru fir-risposta tiegħu. Ir-riklam ġie jiswa €82.60.

15. Fid-19 ta' Jannar 2022 is-Sur Joseph Caruana, Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, ikkonferma li ma sarux pagamenti mill-ministeru in konnessjoni mad-disinn jew il-pubblikazzjoni tar-riklam in kwistjoni (korrispondenza annessa bħala d-Dokument I).

**Konsiderazzjonijiet**

16. Il-fattura u l-irċevuta jindikaw li r-riklam ġie kkummissjonat u mħallas mill-Ministru Ian Borg personalment. Is-Segretarju Permanenti tal-ministeru stqarr li l-ministeru ma ħallasx għar-riklam. Din l-istqarrija tissaħħaħ mill-fatt li r-riklam tħallas bi flus kontanti, għaliex il-ministeri tal-gvern normalment ma jagħmlux pagamenti b'dan il-mod.

17. Għaldaqstant l-allegazzjoni li r-riklam tħallas minn fondi pubbliċi tirriżulta infondata.

18. Mill-banda l-oħra, ġaladarba r-riklam sar mill-Ministru Borg personalment, ma messux semma l-gvern u l-ministeru jew uża l-arma nazzjonali ta' Malta. Dan potenzjalment jirrappreżenta ksur tal-artikolu 4.9 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jeżiġi li ministru m'għandux iħallat l-irwol tiegħu bħala ministru mal-irwoli tiegħu bħala deputat parlamentari u bħala membru ta' partit politiku.

19. Il-Ministru Ian Borg jgħid li l-arma ta' Malta intużat fir-riklam bi żball minflok il-logo tiegħu personali (Dokument D). Din mhix spjegazzjoni sufficjenti għaliex l-iżball imur oltre mill-għażla ta' logo. Ir-riklam sar f'isem il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u ma jagħmel ebda riferenza għall-Ministru Borg għad li jagħti prominenza lir-ritratt tiegħu.

20. Madankollu, fid-dawl tal-fattura u l-irċevuta pprovduti lili mill-Ministru Borg, kif ukoll tal-istqarrija tas-Segretarju Permanenti tal-ministeru, naċċetta li r-riklam ħareġ b'dan il-mod bi żball. Il-Ministru Borg ma kellu xejn x'jiggwadanja billi joħroġ riklam f'isem il-ministeru tiegħu flok f'ismu personali, ġaladarba ma kienx il-ministeru li ħallas għalih. Għal din ir-raġuni ma jidhirlix li dan il-każ jirrappreżenta ksur tal-artikolu 4.9 tal-Kodiċi.

21. Żball bħal dan jista' jiġi mifhum jekk id-designer li għamel ir-riklam tal-Ministru Borg ġie mqabbad ukoll biex jagħmel riklami jew xogħol ieħor għall-ministeru – ħaġa li setgħet wasslet għal konfużjoni dwar liema biċċa xogħol kienet personali tal-Ministru Borg u liema kienet tal-ministeru tiegħu. Jekk ministru jqabbad l-istess persuna biex tagħmel xogħol personali għalih u xogħol uffiċjali għall-ministeru tiegħu, dan fih innifsu jista' jqajjem domandi mill-perspettiva tal-etika. Iżda tali domandi jmorru lil hinn mill-ilment taħt konsiderazzjoni hawn.

**Konklużjoni**

22. Ma jirriżultalix mill-investigazzjoni tiegħi ta' dan il-każ li l-ilment huwa fondat u għaldaqstant dan mhuwiex qed jintlaqa' minni.

23. Kopji ta' dan ir-rapport qed jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Ministru Ian Borg, u lill-Kumitat tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-

informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq il-website tal-uffiċċju tiegħi.[1]

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

1 https://standardscommissioner.com/case-reports/?lang=mt.

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 5 ta' April 2021 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument B | Riklam li deher fil-ġurnal *It-Torċa* nhar il-Ħadd 4 ta' April 2021. |
| Dokument Ċ | Ittra datata 8 ta' April 2021 lill-Ministru Ian Borg. |
| Dokument D | Email datata 11 ta' April 2021 mingħand il-Ministru Borg. |
| Dokument E | Ittra datata 27 ta' April 2021 lill-Ministru Borg. |
| Dokument F | Email datata 29 ta' April 2021 mingħand il-Ministru Borg. |
| Dokument G | Fattura bid-data tat-30 ta' Marzu 2021 maħruġa minn Union Print Ltd. |
| Dokument H | Irċevuta bid-data tal-5 ta' April 2021 maħruġa minn Union Print Ltd. |
| Dokument I | Skambju ta' emails datati 19 ta' Jannar 2022 bejn is-Sur Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u s-Sur Joseph Caruana, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali. |

DOKUMENT A

*Email datata 5 ta' April 2021 mingħand il-Prof. Arnold Cassola*

Għażiż Dr Huzler,

Xtaqt ma ndejqikx, speċjalment f'dawn il-ġranet ta' festa, imma l-ħniżrijiet ma jiqfux anki matul il-vaganzi. Ir-regħba hija llimitata.

Għalhekk, ser ikolli nagħmel żewġ rapporti.

L-ewwel wieħed huwa dwar il-Ministru Ian Borg (ara attach).

Ilbieraħ 4 ta' April, huwa għamel dan ir-reklam ta' xewqat personali fil-gazzetta, imma bl-indirizz tal-Ministeru.

Biex aktar ngħaxxquha, r-reklam huwa fil-gazzetta "It-Torċa", gazzetta partiġġana li tappoġġa l-Gvern.

Jekk dan ir-reklam ta' "Happy Easter" huwa mħallas mill-Ministeru, għaliex aħna t-taxpayers għandna nħallsu għall-propaganda tal-Ministru f'gazzetta partiġġana mit-taxxi tagħna?

Jekk, minflok, ir-reklam huwa mħallas mill-flus personali tal-Ministru, għaliex għandu jkun hemm il-logo tal-Ministeru?

Nirringrazzjak tal-attenzjoni u nselli għalik.

Arnold Cassola

DOKUMENT B

*Riklam li deher fil-ġurnal It-Torċa nhar il-Ħadd 4 ta' April 2021*



Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

8 ta' April 2021

L-Onor Dr Ian Borg
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u
l-Proġetti Kapitali

Bl-email fuq ian.borg@gov.mt

Ministru,

**Ilment dwar riklam mill-ministeru tiegħek**

Irċevejt ilment dwar riklam mill-ministeru tiegħek li deher fit-Torċa ta' nhar il-Ħadd 4 ta' April 2021. L-ilment huwa anness.

Qed nikkunsidra dan l-ilment fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta):

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*
>
> *5.4 Oġġettività – fil-qadi tad-doveri pubbliċi, inkluż fil-ħatriet għall-karigi, l-għoti ta' kuntratti, jew fil-kuntest ta' kull għoti ta' benefiċċji.*
>
> *7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.* [...]

Għaldaqstant inti mitlub tinformani:

- jekk l-istess riklam jew oħrajn simili dehru f'dati oħra u/jew ġurnali oħra; u
- jekk dan ir-riklam jew riklami tħallsu minn fondi pubbliċi jew privati;
- jekk fil-fehma tiegħek ir-riklam jirrispettax il-kunċett ta' separazzjoni bejn l-irwoli tiegħek bħala ministru u bħala deputat u membru ta' partit politiku.

Jekk ir-riklam (inkluż oħrajn simili, jekk saru) tħallas minn fondi privati, inti mitlub tipprovdili kopja tal-fattura u l-ħlas relattiv, u tispjega għalfejn ir-riklam sar f'isem il-ministeru tiegħek bl-użu tal-arma nazzjonali ta' Malta.

Jekk ir-riklam (inkluż oħrajn simili, jekk saru) tħallas minn fondi pubbliċi, inti mitlub tgħidli:

- fuq liema bażi ġie deċiż f'liema ġurnal jew ġurnali għandu jiġi ppubblikat ir-riklam;
- kemm kienet l-ispiża totali fuq ir-riklam, inkluż spejjeż bħall-fotografija u d-disinn;
- min awtorizza l-pagamenti għal dawn l-ispejjeż;
- jekk jidhirlekx li dawn l-ispejjeż kienu ġustifikati fl-interess pubbliku, u f'tali każ fuq liema bażi; u
- jekk jidhirlekx li r-riklam jirrispetta l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, ġaladarba skont il-proċedura normali l-ħlas tal-ispejjeż kellhom jiġu approvati minn uffiċjal pubbliku.

Inti mitlub twieġeb sa mhux aktar tard minn nhar l-**Erbgħa 21 ta' April 2021**.

Nirringrazzjak u nselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

# DOKUMENT D

*Email datata 11 ta' April 2021 mingħand il-Ministru Ian Borg*

Grazzi Sinjuri tal-email taghkom.

Inserrah ras l-Ufficju tieghek u iktar u iktar ta' min ressaq l-ilment li dan ir-riklam la sar u anqas thallas mill-Ministeru jew minn xi fondi pubblici.

Huwa car li d-designer inkluda logo tal-Gvern/Ministeru minflok tal-kandidatura personali tieghi. Gbidt l-attenzjoni sabiex dan l-izball ma jergax isir.

Inselli ghalikom,

Ian


Ian Borg
Minister

**t** +356 22922001 **e**
ian.borg@gov.mt | www.infrastructure.gov.mt

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

FRANCESCO BUONAMICI STREET, FLORIANA, MALTA

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

27 ta' April 2021

L-Onor Dr Ian Borg
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u
l-Proġetti Kapitali

Bl-email fuq ian.borg@gov.mt

Ministru,

**Ilment dwar riklam mill-ministeru tiegħek**

Nirringrazzjak tar-risposta fil-pront għall-ittra tiegħi tat-8 ta' April 2021.

Nosserva li r-riklam in kwistjoni jawgura l-Għid it-tajjeb f'isem "Il-**Ministeru** għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali" (enfasi miżjuda), u la jirreferi għall-Ministru u lanqas ma jsemmik b'ismek. Għaldaqstant ma jidhirx li hu sempliċiment każ ta' riklam personali fejn bi żball intużat l-arma nazzjonali.

Fl-ittra tiegħi tat-8 ta' April 2021, jiena tlabtek tgħidli jekk l-istess riklam jew oħrajn simili dehrux f'dati oħra u/jew ġurnali oħra. Tlabtek ukoll tipprovdili kopja tal-fattura u l-ħlas relattiv jekk ir-riklam tħallas minn fondi privati. Għal darb' oħra nitolbok tipprovdili din l-informazzjoni.

Għandi ninformak ukoll li inti tista' tintalab tikkonferma r-risposti tiegħek bil-ġurament.

Inti mitlub twieġeb sa mhux aktar tard mit-**Tlieta 4 ta' Mejju 2021**.

Nirringrazzjak u nselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

# DOKUMENT F

*Email datata 29 ta' April 2021 mingħand il-Ministru Ian Borg*

Grazzi Dottor Hyzler tal-ittra tieghek.

Nikkonferma li sar riklam wiehed biss, kien qed isir fuq livell ta' ufficju Distrettwali tieghi, u sar fuq it-Torca biss. Il-kont u kopja tal-ircevuta *attached*. Il-hlas sar bi flus kontanti.

[Din l-email hawn tinkludi ritratti ta' dokumenti li qed jiġu riprodotti bħala d-Dokumenti G u H]

Inselli ghalik,

Ian

Ian Borg
Minister

**t** +356 22922001 **e**
ian.borg@gov.mt | www.infrastructure.gov.mt

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

FRANCESCO BUONAMICI STREET, FLORIANA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

DOKUMENT G

*Fattura bid-data tat-30 ta' Marzu 2021 maħruġa minn Union Print Ltd*

UNION PRINT CO. LTD

**Union Print Ltd**
G.W.U. Workers Memorial Building, Level 3
South Street, Valletta
Tel: +356 2590 0235, Fax: 2124 4399
Email: adverts@unionprint.com.mt
VAT Nº: MT1194-5821

## Invoice

Date 30th March 2021
Customer Ref. 3599JG 1829
Invoice No. A054902

D-IAN001
MR IAN BORG

| Date | Publication | Position | Size | Col | Artwork | Title | Disc | Comm | VAT | Amount |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 04/04/2021 | Torca | Ins.Pg | Col/Cms | COL | new | Ian Borg | 0 | €0.00 | €12.60 | € 70.00 |

| | |
|---|---|
| **Sub Total** | **€ 70.00** |
| **Customer Discount** | **0** |
| **0.00% Agency Commision** | **€0.00** |
| **Sub Total** | **€ 70.00** |
| **18% Vat** | **€12.60** |
| **Total Due** | **€ 82.60** |

DOKUMENT H

*Irċevuta bid-data tal-5 ta' April 2021 maħruġa minn Union Print Ltd*

UNION PRINT CO. LTD

Workers' Memorial Building, 3rd floor, South Street, Valletta - Malta
Tel: (+356) 2590 0211 Fax: (+356) 2124 7870 VAT: 1194 5821

Receipt No. B 0000918

Date: 5/4/2021

Client: Mr Ian Borg

Vat No.

Amount Received € 82 / 61

Eighty two Euro & sixty

Payment Received for:

[ ] ORDER NO:

[ ] OTHER: A054902

Mode of Payment: CASH [ ] CHEQUE [ ] cash

In the event that payment is made by virtue of a cheque this receipt will have no validity if the said cheque is not honoured

Authorised Signatory
Union Print Co. Limited

D-IAN001
Acct. No.

# DOKUMENT I

*Skambju ta' emails datati 19 ta' Jannar 2022 bejn is-Sur Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u s-Sur Joseph Caruana, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali.*

Mr Charles Polidano
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life

I checked on this issue and it has been confirmed that no payments by the Ministry were affected in relation to this advert.

Regards

Joe

Joseph Caruana
Permanent Secretary
Office Of The Permanent Secretary

**t** +356 2292 7205 **e** joseph.caruana@gov.mt
www.infrastructure.gov.mt | www.publicservice.gov.mt |
fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS
BLK B, FRANCESCO BUONAMICI STREET, FLORIANA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Sent:** Wednesday, 19 January 2022 15:16
**To:** Caruana Joseph at MTIP-OPS <joseph.caruana@gov.mt>
**Subject:** Complaint about advertisement issued by Minister Ian Borg

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Permanent Secretary
Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects

The Commissioner for Standards in Public Life is investigating a complaint about the attached advertisement, which appeared in the newspaper It-Torċa on 4 April 2021. The advert says "Il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali jawgura l-Għid it-Tajjeb lill-poplu Malti u Għawdxi."

You are kindly requested to state whether your ministry has made any payments relating to the design and publication of this advertisement.

An early reply would be greatly appreciated.

Charles Polidano
Director General

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com